**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI ISTRUTTORJA**

**(Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejha l-Qorti Rimandanti)**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag.Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christopher Galea Scannura)**

**-vs-**

**Alessandro Ponti detentur tal-karta tal-identita` Taljana numru AR8542576, kif ukoll tad-dokument ta' residenza Maltija numru MT8255324**

**Illum 23 ta' Ottubru, 2017**

Il-Qorti,

Wara li rat li l-Pulizija ressqu b'arrest lil **Alessandro Ponti**, aktar il-quddiem imsejjah l-estradant, sabiex dan jitregga' lura lejn l-Italja;

Wara li rat is-*Schengen Information System Alert* ghall-finijiet ta' estradizzjoni datat il-11 ta'Lulju, 2017, kif ukoll il-Mandat t'Arrest Ewropew mahrug mill-*Procura Generale Della Repubblica Presso La Corte D'Appello ta' Brescia*, nhar is-24 ta' Mejju, 2017, awtorita` gudizzjarja gewwa l-Italja, pajjiz skedat a tenur ta' l-Artikolu 5 ta' l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Avviz Legali 320 ta' l-2004 (Ligi Sussidjarja 276.05), aktar il-quddiem imsejjah 'l-Ordni', u wara li rat ic-Certifikat mahrug mill-Avukat Generali a tenur ta' l-Artikolu 7 ta' l-istess Ordni mahrug fit-28 ta' Settembru, 2017;

Wara li rat il-verbal ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tat-13 t'Ottubru, 2017;

Wara li semghet lill-estradant jiddikjara li qed jaghti l-kunsens tieghu sabiex jintbaghat lura l-Italja u li mhux qed jirrinunzja ghad-dritt ta' specjalità koncess ai termini ta' l-Artikolu 18 ta' l-Ordni fuq imsemmi;

Wara li spjegat lill-estradant l-import ta' l-Artikolu 43 ta' l-Ordni, u gie assigurat li d-disposizzjonijiet tal-istess artikolu gew osservati u miftehma mill-estradant;

Wara li rat l-artikolu 15(5) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta, kif rez applikabbli bl-artikolu 44 ta' l-Ordni;

Tordna li ai temini tal-artikolu 45 ta' l-Ordni Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Avviz Legali 320 ta' l-2004 (Ligi Sussidjarja 276.05), l-estradant ghandu jinzamm taht arrest sabiex jitregga' lura lejn l-Italja fi zmien ghaxart ijiem millum.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**MAGISTRAT**